MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 882/2006

**DHALIA REAL ESTATE SERVICES LTD.**

vs

George **PAĊE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fid-29 ta’ Settembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta’ rikorrenti talbet li din il-Qorti:

( i ) Issib li l-imħarrek żamm għalih b’qerq flejjes minnu miġbura f’isimha bħala “*agency fees*” marbuta mat-trasferiment tal-lukanda “*Alfonso*”, fi triq il-Qaliet, San

Ġiljan, u ta' kumpless ta' bini magħruf bħala "*China Palace*", fi triq il-Ħġejjeġ, Buġibba, li saru matul l-2005;

( ii ) Tillikwida s-somom lilha dovuti u hekk miżmuma mill-imħarrek bla mistħoqq, jekk meħtieġ billi tqabbad perit; u

( iii ) Tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma hekk likwidata. Talbet ukoll l-ispejjeż tal-Kawża;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-imħarrek li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti, magħduda magħhom dik imressqa bl-affidavit ta' Nicholai Camilleri, rappreżentant tagħha;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2009, li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu għall-finijiet tal-art. 158(10) tal-Kap 12;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Rat li l-imħarrek ma ressaq l-ebda sottomissjoni u lanqas deher quddiemha kull darba li ssejħet il-kawża;

Semgħet lill-avukat tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet, fil-kontumaċja tal-imħarrek u billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-Kontumaċja tal-imħarrek tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u ssib li l-imħarrek tassew żamm għandu u bla ma kellu jedd, flejjes li nġabru minnu bħala "*agency fees*" spettanti lill-kumpannija attriċi, fl-okkażjoni tal-bejgħ tal-immobbli fuq imsemmija;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi u tillikwida l-ammont hekk miżmum mill-imħarrek fis-somma ta' ħamsin elf u tliet mitt euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€50,300.48), rappreżentanti l-istess "*agency fees*" u t-taxxa dwar il-Valur Miżjud fuq dawk il-jeddijiet;

**Tilqa' t-tielet talba** attriċi, u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' €50,300.48 hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż kollha tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------